MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 1192/2003/1

**Joanna Briffa**

**vs**

**Bernard u Michelle konjugi Gauci, u fid-19 ta' Settembru, 2003 assuma l-atti Dr. Carlo Vigna ghan-nom ta' l-assenti Bernard u Michelle konjugi Gauci**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Dicembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm1,082) flimkien ma' l-imghaxijiet u spejjez relattivi

rapprezentanti valur ta' merca mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti pero' mhux imhallsa.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn ecceppew:

1. Preliminarjament l-Avviz odjern ghandu jigi tradott bil-lingwa Ingliza stante li l-konvenuta hija ta' nazzjonalita' Amerikana u ma tifhimx bil-Malti;

2. Illi t-talba attrici kif formulata bhala kawzali hija wahda nsostenibbli stante li n-negozju li sehh bejn l-attrici u l-konvenuta kien wiehed ta' bejgh ta' merkanzija *on consignment*;

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija giet konsenjata lill-konvenuta *on consignment* u minnha ma nbiegh xejn tant li gja' giet offruta lura lill-attrici u l-eccipjenti kienet ghadha qed tistenna l-istruzzjonijiet minghand l-attrici ghar-ritorn tal-merkanzija;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju l-attrici ma tistax titlob il-hlas ta' din il-merca kemm-il darba hija gja' thallset taghha minghand terzi.

Illi inoltre l-konvenut Bernard Gauci eccepixxa illi fil-konfront tieghu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attrici.

Ra l-verbal tas-27 ta' Jannar, 2004 li permezz tieghu Dr Carlo Vigna ghall-konvenuti ddikjara li mhux qed jinsisti fuq it-traduzzjoni ta' l-atti bl-Ingliz kif mitluba mill-konvenuta fir-Risposta taghha.

Sema' x-xhieda ta' Joanna Briffa, Jessica Mallia, Michelle Gauci, Bernard Gauci u Peter Heywood.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi l-konvenuta Michelle Gauci kienet impjegata bhala *salesgirl* fil-hanut Elephanta li kien qed jigi gestit mill-attrici. Jirrizulta mill-provi wkoll illi l-konvenuta kienet telqet mill-job u biex flimkien ma’ zewgha titlaq minn Malta u tmur tghix l-Amerika u li l-attrici kellha konsenja ta’ hwejjeg li kienet ippruvat tbiegh l-Ingilterra u ma rnexxilhiex u ghalhekk kienet gabithom f’Malta.

Jirrizulta mhux ikkontestat bejn il-partijiet illi effettivament il-merkanzija mertu tal-kawza giet ikkonsenjata mill-attrici lill-konvenuti u li f’dak il-mument il-ftehim kien illi l-konvenuta tipprova tbiegh dawn il-hwejjeg l-Amerika u jekk dan isehh l-attrici tithallas l-ammont indikat fuq l-invoices esebiti a fol 38 et seq tal-process – cjoe’ l-ammont mitlub f’din il-kawza u jekk il-konvenuta ggib aktar minn daqshekk izomm id-differenza ghaliha.

Illi l-partijiet ilkoll jaqblu illi ma kienx bejgh normali izda kienet *on a consignment basis*.

Issa l-attrici qieghda ssostni illi sussegwentement, stante li l-konvenuti ma rnexxielhomx ibieghu xejn, il-konvenuta Michelle Gauci accettat li tixtri l-hwejjeg hija stess. Hija ghalhekk qieghda titlob il-prezz ta’ elf u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm1,082) cjoe’ l-ammont mertu ta’ din il-kawza.

Il-konvenuta da parti taghha tichad li hija qatt accettat li tixtri dawn l-affarijiet. Anzi mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi meta eventwalment il-konvenuti rritornaw lura Malta u hallew warajhom l-affarijiet l-Amerika, huma offrew lill-attrici li jew igibu l-affarijiet lura Malta jew inkella jekk jibqghu l-Amerika jaqbdu u jtuha mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ghas-saldu. Ftehim fuq dan l-aspett ma sehhx u ghalhekk gew intavolati l-proceduri odjerni.

Qabel xejn jigi relevant illi fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jsemmu li kieku accettaw li jixtru l-merkanzija huma stess dan kien jikkostitwixxi novazzjoni u jidhlu fl-elementi ta’ dan il-kuncett u jargumentaw li ma

saret l-ebda novazzjoni. Lit-Tribunal dan l-argument ma jregix. Jekk il-konvenuti accettaw li jixtru l-merkanzija huma stess, kien jigi perfezzjonat il-ftehim bejn il-konvenuti u l-attrici. Minflok bieghet l-oggetti lil Tizju, tkun qed tbieghhom lilha nnifisha. Novazzjoni teskludi l-obbligazzjoni precedenti. Jekk jirrizulta li l-konvenuta xtrat l-oggetti hija stess, l-obbligazzjoni precedenti mhux talli ma tigix eskluza, talli tigi msahha.

It-tieni aspett jikkoncerna l-import legali ta' bejgh fuq bazi ta' konsenja. Kif gustament sottomess mill-konvenuti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom, meta jkun hemm bejgh fuq bazi ta' konsenja, jekk l-oggett ma jinbieghx ma jkun irid jithallas xejn. F'dan ir-rigward kif sewwa gie rilevat fil-kawza <u>Avukat Dr George Vassallo nomine Vs Victor Caruana nomine deciza fis-26 t'April, 1951:</u>

"F'kaz ta' kuntratt simili, l-kreditur ghandu dritt jitlob mhux il-prezz tal-merkanzija kollha konsenjata, imma l-prezz tal-merkanzija li tkun inbieghet, u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx."

Illi ghalhekk trid issir prova li xi merkanzija nbieghet.

L-attrici ssostni illi stante li ghadda hafna zmien minn meta l-merkanzija giet konsenjata lill-konvenuti allura hija ntitolata li tiehu l-prezz ta' l-oggetti. It-Tribunal jinnota illi meta l-attrici kkonsenjat l-affarijiet lill-konvenuti hija kienet taf li f'dak il-mument kienu bi hsiebhom jemigraw lejn l-Amerika u inoltre m'hemm l-ebda decizjoni ta' Qorti li gie stipulat zmien li fih kellhom jigu mibjugha l-oggetti u fin-nuqqas ta' dan jew li jigu ritornati jew inkella li l-konvenuti jhallsu l-prezz relattiv.

Il-partijiet ma kienux ftiehmu zmien bejniethom fil-bidunett u konsegwentement ma jistax jinghad illi kien hemm xi bidla fir-relazzjoni guridika bejn il-partijiet minn dik li sehhet bejniethom originarjament.

Xehdet f'din il-kawza s-*salesgirl* Jessica Mallia li qalet li darba minnhom kienet tkellmet mal-konvenuta bit-telefon

u li l-konvenuta kienet accettat li tixtri l-affarijiet hija stess. Din il-konversazzjoni giet negata mill-konvenuta.

Apparti li huwa dubjuz jekk verament il-konvenuta qalitx dan id-diskors, it-Tribunal itenni illi mill-andament ta' kif sehhew l-affarijiet jidher car illi qatt ma kien hemm intenzjoni da parti tal-konvenuta li tixtri l-merkanzija in kwistjoni u wiehed jista' facilment jifhem l-ispirtu li fih saret l-offerta tal-konvenuta fl-Ittra tad-29 ta' Lulju, 2002 fis-sens illi galadarba l-oggetti kienu baqghu l-Amerika kienu ser jidhlu f'aktar spejjez biex igibuhom lura Malta.

Illi stante li jirrizulta lit-Tribunal li ma kienx hemm bejgh ta' l-oggetti, l-uniku obbligu li kellhom il-konvenuti kien li jirritornaw l-oggetti lill-attrici

Effettivament dawn gew offruti u wara li l-attrici rrifjutathom, dawn gew iddepozitati l-Qorti u kopja tac-Cedola tinsab esebita fl-atti.

Illi ghalhekk il-konvenuti ssodisfaw l-obbligazzjonijiet taghhom.

Mhux il-kaz li t-Tribunal jidhol fil-kumplament ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Jinghad biss pero' illi ghalkemm il-konvenuti zzewgu barra minn Malta u ghalkemm possibbilment jista' jkun li bejniethom ma tapplikax awtomatikament ir-regime tal-komunjoni ta' l-akkwisti, xorta jibqa' l-fatt illi f'dan in-negozju kien hemm involut il-konvenut, cjoe' r-ragel tal-konvenuta, fis-sens illi apparti li huwa stess mar u gabar il-merkanzija, kien hu li hallas id-depozitu ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u, kif tghid il-konvenuta, huwa ragel li jiehu hsieb l-affarijiet tal-flus.

F'dan ir-rigward ikun difficli ghal dan it-Tribunal biex ma jinvolvix lill-konvenut ukoll fil-kwistjoni izda, kif gja' ntqal aktar 'il fuq mhux il-kaz li jkun hemm decizjoni *ad hoc* fuq dan l-aspett.

Illi dwar id-depozitu li hallsu l-konvenuti f'Settembru 2001 fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), it-Tribunal

jinnota li ma saret l-ebda Kontro-Talba u ghalhekk mhux ser jidhol fil-punt jekk dan ghandux jigi *refunded* jew le.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba ta' l-attrici bl-ispejjez kontra taghha."

Kontra din is-sentenza appellat l-attrici li qeghda tikkontesta l-fatt illi t-Tribunal ma dahalx fil-kwestjoni tan-novazzjoni. Hi tippretendi li bil-fatt tal-hlas ta' mija u hamsin lira (Lm150) in-negozju guridiku inizzjali li kien dak ta' bejgh "*on consignment*" inbidel ghall-vendita vera u proprja u allura l-konvenuti kienu tenuti jhallsu l-ammont mitlub;

Il-Qorti ma thosshiex gustifikata li taccetta l-argoment dedott mill-appellanti illi t-Tribunal ma ttrattax is-sottomissjoni taghha relattiva ghan-novazzjoni. Jekk wiehed jezamina s-sentenza bir-reqqa ghandu jsib li, fuq l-interpretazzjoni tieghu tal-provi, it-Tribunal eskluda l-fatt tan-novazzjoni, anke jekk forsi ma pprofondiex, kif xtaqet l-appellanti, l-aspett guridiku ta' dan l-istitut. Jinhass ghalhekk xieraq illi qabel xejn tigi trattata u deciza *in primis* dan l-aspett;

In-novazzjoni hu ftehim li permezz tieghu l-partijiet jiddeterminaw l-effett estintiv-kostituttiv intervenut fuq ir-rapport li jew ghadu ma giex attwat jew mhux ghal kollox attwat. Certament il-modifika ta' l-oggett tal-kuntratt jintegra n-novazzjoni meta din taghti lok ghall-obbligazzjoni gdida nkompatibbli ma' l-obbligazzjoni originarja. F' kaz bhal dan wiehed ikollu jezamina jekk il-partijiet riedux semplicement modifikazzjoni tar-rapport li jibqa' immutat fl-identita` tieghu jew riedux joholqu rapport gdid. Dan anke ghaliex kif jinghad fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 1181, Kodici Civili, "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula ghalkemm tigi mbiddla";

L-*animus novandi*, intiz bhala volonta` esternata mill-partijiet, oltre li jrid ikun komuni ghaz-zewg kontraenti u hekk rapprezentanti dik il-volonta` li l-obbligazzjoni precedenti tigi estinta, irid jirrizulta b' mod inekwivoku u konkretament provat mill-fatti konkludenti;

A propozitu fuq dan l-ahhar accennat aspett jinsab deciz illi "*quantunque la novazione possa risultare senza che si usino formole o parole speciali, pure non puo mai essere presunta, ed è di legge espressa e venne costantemente ritenuto in dottrina ed in giurisprudenza dovere la stessa chiaramente risultare*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 935**);

Intqal ukoll illi "biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita` ta' l-ezistenza taz-zewg obbligazzjonijiet, u f' kaz ta' dubju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza" (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 657**; **Vol. XLVIII P II p 794**; **Vol. L P I p 412**);

Applikati dawn il-principji ghall-fatti tal-kaz taht ezami ma jidherx li tirrikorri n-novazzjoni. Dan in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

(1) L-istess attrici appellanti tistqarr li fl-okkazjoni ta' meta ppreparat il-lista ta' l-oggetti li l-konvenuti kienu ser jiehdu maghhom biex jittantaw ibieghuhom l-Istati Uniti, l-appellata Michelle Gauci, li kienet *salesgirl* taghha, taghtha Lm150 li minnhom hamsin lira (Lm50) kienu ghal xi spejjez tat-telefon (ara xhieda taghha a fol. 14 u fol. 30);

(2) Anke kieku pero kellu jigi accettat illi tali hlas sar fit-8 ta' Settembru 2001, u cjoe xi gimgha fuq li l-appellat Bernard Gauci kellu jirritorna lura Malta minhabba d-decess ta' ommu, zgur li sa dakinhar ma kienx ghadu sar diskors dwar il-possibilita` li martu zzomm l-affarijiet hi. U allura din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita illi dak il-hlas verament sar bhala "*gesture of goodwill on my part*" (ara deposizzjoni ta' Michelle Gauci, fol. 60, sostenuta minn zewgha, fol. 63);

(3) Minn dan huwa ferm difficli ghall-Qorti li taccetta li l-ftehim originarju ta’ bejgh *on consignment* gie trasmutat f’ bejgh lill-konvenuti bil-fatt tal-hlas tas-somma indikata. Manifestament, f’ dak l-istadju, in-novazzjoni allegata tinsab eskluza;

(4) Biex jinghad kollox lanqas jista’ jinghad li aktar ‘il quddiem kien hemm kjarament dik l-intenzjoni li tinholoq obbligazzjoni gdida flok dik precedenti. Kien hemm veru hsieb li l-appellata Michelle Gauci zzomm l-affarijiet meta rritornat lura mill-Amerka izda l-offerta taghha, proposta mill-konsulent legali taghha fl-ittra tieghu tad-29 ta’ Lulju 2002 (fol. 35), ma gietx accettata mill-appellanti (ara xhieda taghha in kontro-ezami a fol. 31);

Eskluza allura n-novazzjoni l-kontrattazzjoni baqghet wahda. Dik ta’ bejgh *on consignment*. Kif definit mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Ruggier *et* -vs- Francis Refalo**", 18 ta’ Frar 1965 (**Kollez. Vol. XLIX P III p 1128**), b’ abbracc ta’ l-enuncjazzjoni ta’ l-istess Qorti fid-decizjoni riportata a **Vol. XXXV P III p 574**, citata wkoll mit-Tribunal, "il-kuntratt ta’ spedizzjoni ta’ merci *on consignment* huwa kuntratt mhux ta’ bejgh imma pjuttost ta’ kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx";

L-appellanti taccetta mill-bidunett tad-deposizzjoni taghha li tali kien il-ftehim konkordat. Hi fil-fatt tikkonfessa illi l-konvenuta "setghet tiehu dik il-merkanzija partikolari biex tipprova tbieghhom l-Amerka bil-patt li meta tigi lura ggib lura l-hwejjeg li ma tkunx irnexxielha tbiegh" (fol. 14). Anke wara li l-appellata rritornat lura Malta qaltilha "jew thallasni ta’ l-affarijiet jew inkella tibghatli l-affarijiet lura" (fol. 31). Jidher invece li l-appellanti bdiet tinsisti ghall-hlas u mhux ghar-ritorn ta’ l-oggetti, li eventwalment gew depozitati fil-Qorti minhabba r-rifjut ta’ l-appellanti li tehodhom lura;

Kif taraha din il-Qorti l-appellanti ma setghetx unilateralment u bil-volonta` taghha biss tikkonverti l-ftehim originarju. Ftehim li kellu kontenut sostanzjali ta' mandat bla rapprezentanza izda li kien jiddifferenzja ruhu minn dan in kwantu fil-mandat bla rapprezentanza "*non è previsto alcun limite oggettivo circa il contenuto del mandato, mentre la commissione puo avere per oggetto unicamente l' acquisto e la vendita di beni*" (**Qorti Taljana tal-Kassazzjoni, 13 ta' Mejju 1964, Nru. 1160**). Mill-provi in atti fl-ebda waqt ma gie mibdul dan il-kuntratt u ghalhekk l-appellanti ma tistax titragga argoment favorevoli jew tiehu vantagg bil-fatt ta' l-invokar li taghmel tan-novazzjoni. *Multo magis*, imbaghad, in bazi ghall-assunt taghha tal-hlas li kien sarilha anke ghaliex, fil-mument li sar, ma kien hemm ebda nkompatibilita` ma' l-obbligazzjoni naxxenti mill-bejgh "*on consignment*".

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------